**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 15 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 784/01 AE**

**J.A.V. Service Station Limited**

**vs**

**Kevin Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' wiehed u disghajn lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm91.59) bilanc minn somma akbar dovut bhala prezz ta' fuel lilu mibjugh u kkonsenjat.

Ra li l-konvenut ma kkontestatx il-kawza u lanqas ma deher fis-seduti tat-8 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. John Laferla jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' wiehed u disghajn lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm91.59), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**